MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 57/2006

**Patrick u Sandra Attard Borg konjugi Attard**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' l-atturi fejn ippremettew illi l-att ta' twelid numru hamsa u sittin tas-sena elfejn u wiehed (65/2001) relattiv ghat-twelid ta' bin ir-rikorrenti, Ryan, (Dokument A) hemm zball billi fil-parti relattiva ghal "*Taghrif dwar it-Tarbija"* fil-kolonna ntestata "*Isem u kunjom l-omm"* l-isem "Sandra Attard nee' Borg" huwa skorrett u jrid jigi "Sandra Attard Borg nee'  Borg".

Illi fic-certifikat tat-twelid ta' Owen, iben l-iehor tar-rikorrenti, hemm indikati d-dettalji korretti (Dokument B).

Illi inoltre, fil-karta ta’ identita’ tar-rikorrenti Sandra Attard il-kunjom indikat huwa dak korrett jigifieri “Attard Borg” (Dokument C);

Illi r-rikorrenti jridu li l-Att ta’ Twelid relattiv ghal binhom Ryan jigi korrett.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. prevja d-dikjarazzjoni li l-Att ta’ Twelid numru hamsa u sittin tas-sena elfejn u wiehed (65/2001) relattiv ghat-twelid ta’ binhom Ryan (Dokument A) huwa skorrett, tordna l-korrezzjoni ta’ l-istess billi fil-parti relattiva ghat-“*Taghrif dwar it-Tarbija”* fil-kolonna intestata *“Isem u kunjom l-omm”* l-isem “Sandra Attard nee’ Borg” jigi sostitwit bil-kliem “Sandra Attard Borg nee’ Borg”.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigi ngunt.

Rat id-dokumenti annessi u l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-attrici bil-gurament fis-seduta tal-14 ta’ Lulju 2006 tiddikjara li hi ghamel id-dikjarazzjoni relattiva dwar li tixtieq tassumi flimkien mal-kunjom ta’ zewgha kunjom xbubitha.

Il-Qorti;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tordna l-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid relattiv ghal Ryan, bin-numru hamsa u sittin tas-sena elfejn u wiehed (65/2001) fis-sens illi fil-parti relattiva ghat-“*Taghrif dwar it-Tarbija*” fil-kolonna ntestata “*isem u kunjom l-omm”* l-isem “Sandra Attard nee’ Borg” jigi sostitwit bil-kliem “Sandra Attard Borg nee’ Borg”.

Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------